MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2014

Numru 494/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Daud Hisham**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Daud Hisham Mario ta’ nazzjonalita’ Sirjana, imwieled f’ Damascus Sirja fl-1 t’ Awwissu, 1989, bin Mahmoud u Mariam u numru moghti mill-Pulizija 13V-125.

Akkuzat talli f' data mhux maghrufa f' Novembru 2013, bhala persuna illi mbarka jew zbarka, minn jew go Malta naqas illi kellu passaport u naqas illi jaghti lill-ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg ai termini ta' l-Artiklu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-20 ta' Mejju, 2014 ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u ikkunsidrat ukoll il-fatt li kien hemm koperazzjoni shiha mill-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 28 tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lil imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' tnax (12) –il xahar millum.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------